PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0301/2015**

16.10.2015

# RAPPORT

dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (2014/2252(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sajjad Karim

PR_INI

# WERREJ

**Paġna**


MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI ..........................12

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT ........................................15

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI....................18

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI .........................22

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....................27

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (2014/2252(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet[1],

– wara li kkunsidra l-arranġamenti prattiċi li sar qbil dwarhom fit-22 ta' Lulju 2011 bejn is-servizzi kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 294(4) tat-TFUE f'każ ta' qbil fl-ewwel qari,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar l-idoneità Regolatorja tal-UE, Sussidjarjetà u Proporzjonalità – id-19-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2011[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2012 dwar it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (2010)[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni intelliġenti[4],

– wara li kkunsidra r-rapport annwali 2012 tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (COM(2013)0566) u r-rapport annwali 2013 tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (COM(2014)0506),

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti tal-4 ta' Diċembru 2014,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Ispeakers tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' April 2015,

– wara li kkunsidra r-Rapporti Biennali tal-COSAC dwar l-Iżviluppi fil-Proċeduri u l-Prattiki tal-Unjoni Ewropea Rilevanti għall-Iskrutinju Parlamentari tas-27 ta' Settembru 2012, is-17 ta' Mejju 2013, l-4 ta' Ottubru 2013, id-19 ta' Ġunju 2014, l-14 ta' Novembru 2014,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-14 ta' Ottubru 2014 tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Partijiet Interessati Indipendenti dwar il-Piżijiet Amministrattivi, bl-isem "Cutting Red Tape in Europe – Legacy and Outlook" (L-Eliminazzjoni tal-Burokrazija fl-Ewropa –

---

[1] ĠU C 321, tas-31.12.2003, p. 1.
[2] Testi adottati, P7_TA(2014)0061.
[3] ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 117.
[4] ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 87;

Wirt u Perspettiva"[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 52 u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0301/2015),

A. billi fl-2012, il-Kummissjoni rċeviet opinjonijiet motivati li jindirizzaw 83 proposta leġiżlattiva; billi l-għadd totali ta' sottomissjonijiet milqugħa fl-2012 kien ta' 292, inklużi dawk is-sottomissjonijiet li ma kinux jikkwalifikaw bħala opinjonijiet motivati;

B. billi fl-2013, il-Kummissjoni rċeviet opinjonijiet motivati li jindirizzaw 99 proposta leġiżlattiva; billi l-għadd totali ta' sottomissjonijiet milqugħa fl-2013 kien ta' 313, inklużi dawk is-sottomissjonijiet li ma kinux jikkwalifikaw bħala opinjonijiet motivati;

C. billi fl-2012, il-parlamenti nazzjonali ħarġu 12-il opinjoni motivata dwar il-proposta Monti II[2], li jirrappreżentaw 19-il vot (fejn 18 huwa l-limitu), u b'hekk għall-ewwel darba wasslu għall-hekk imsejħa karta safra, li tirrikjedi li l-istituzzjoni li tkun ippreżentat il-proposta teżaminaha mill-ġdid u tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' jekk għandhiex tirtira, temenda jew iżżomm il-proposta;

D. billi l-Kummissjoni rtirat il-proposta Monti II iżda ddikjarat li hija kkunsidrat li l-proposta kienet konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u li l-proposta ġiet irtirata minħabba li ma kienx hemm appoġġ biżżejjed għaliha fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri[3];

E. billi fl-2013, il-parlamenti nazzjonali ħarġu 13-il opinjoni motivata dwar il-proposta għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[4], li jirrappreżentaw 18-il vot, biex b'hekk ingħata bidu għat-tieni proċedura ta' karta safra;

F. billi l-Kummissjoni kkonkludiet li l-proposta tagħha kienet konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u li l-irtirar jew emenda tal-proposta ma kinux meħtieġa; billi l-Kummissjoni ddikjarat li fil-proċess leġiżlattiv hi kienet se tqis kif dovut l-opinjonijiet motivati[5];

G. billi għadd ta' parlamenti nazzjonali esprimew tħassib dwar l-approċċ tal-Kummissjoni, filwaqt li kkunsidraw il-ġustifikazzjonijiet u l-argumenti ppreżentati mill-Kummissjoni bħala insuffiċjenti; billi l-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għal-Libertajiet

---

[1] http://ec.europa.eu/smart-regulation/refit/admin_burden/docs/08-10web_ce-brocuttingredtape_en.pdf

[2] Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz - COM(2012) 130.

[3] Ittra tat-12 ta' Settembru 2012 mill-Viċi President Šefčovič lill-Parlamenti Nazzjonali.

[4] Il-proposta tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) - COM(2013) 534.

[5] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti Nazzjonali dwar ir-reviżjoni tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont il-Protokoll Nru 2 tas-27 ta' Novembru 2013 (COM(2013) 851 final).

Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew mexxew dibattiti dwar dan is-suġġett;

H. billi fin-negozjati sussegwenti mal-Kunsill dwar il-Prosekutur Pubbliku Ewropew l-ambitu u l-metodoloġiji tal-ħidma ġew imnaqqsa meta mqabbla mal-proposta inizjali li fuqha kienu nħarġu l-opinjonijiet motivati;

I. billi minħabba d-dritt ta' inizjattiva tagħha, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-għażliet korretti dwar jekk u kif għandha tiġi proposta azzjoni fil-livell tal-UE isiru fi stadju bikri tal-iżvilupp tal-politika;

J. billi l-Kummissjoni qed twettaq reviżjoni tal-linji gwida li japplikaw għall-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt, li tinkludi l-kunsiderazzjoni tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

K. billi l-Parlament stabbilixxa l-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt tiegħu, li pproduċiet 50 stima inizjali u żewġ stimi dettaljati tal-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni fl-2013;

L. billi l-parlamenti nazzjonali osservaw li l-inklużjoni ta' setgħat delegati sinifikanti u numerużi tagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat b'mod effettiv jekk ir-regoli finali jkunux jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

M. billi l-kontroll tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif ukoll valutazzjoni tal-impatt jitwettqu biss fil-bidu tal-proċess leġiżlattiv;

1. Josserva li l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità huma prinċipji ta' gwida fundamentali għall-Unjoni Ewropea;

2. Jenfasizza li l-użu tal-kompetenzi tal-UE għandu jkun iggwidat mill-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità, kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jilqa' l-fatt li fl-2012 u l-2013 il-konformità ma' dawn iż-żewġ prinċipji ġiet eżaminata bir-reqqa mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali;

3. Jilqa' l-parteċipazzjoni aktar mill-qrib u l-involviment aktar b'saħħtu tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew fis-snin reċenti, li rriżultaw f'żieda tas-sensibilizzazzjoni tal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE, inklużi l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kuntest interistituzzjonali; jinnota, madankollu, li għad jeħtieġ issir aktar ħidma f'dan il-kuntest; jissuġġerixxi li bħala l-ewwel pass il-Kummissjoni timpenja ruħha f'dibattitu annwali mal-parlamenti nazzjonali kollha sabiex issaħħaħ id-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali;

4. Jemmen, barra minn hekk, li l-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità jirrappreżentaw il-punt ta' tluq għat-tfassil tal-politika; jenfasizza għalhekk l-importanza li fil-bidu tal-proċess leġiżlattiv jiġi vvalutat jekk l-objettivi tal-politika jistgħux jintlaħqu aħjar fil-livell Ewropew milli permezz ta' inizjattivi nazzjonali jew reġjonali;

5. Jinnota l-importanza tal-parlamenti u tal-impatt territorjali tagħhom u l-qrubija tagħhom taċ-ċittadini, u jitlob, fejn xieraq, għal aktar involviment min-naħa tagħhom fis-sistema

ta' twissija bikrija;

6. Jinnota, madankollu, li maġġoranza tal-opinjonijiet tal-parlamenti nazzjonali jiġu mressqa minn ftit biss mill-kmamar nazzjonali; iħeġġeġ lill-kmamar nazzjonali l-oħra jinvolvu ruħhom aktar fid-dibattitu Ewropew;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej jirrispettaw il-prinċipju ta’ sussidjarjetà u l-prinċipju ta’ proporzjonalità mħaddna fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huma ta' natura ġenerali u jorbtu lill-istituzzjonijiet fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni ta’ dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, fejn ma japplikax il-prinċipju ta’ sussidjarjetà;

8. Iqis li l-mekkaniżmu għall-kontroll tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà huwa ta’ importanza maġġuri għall-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u dawk nazzjonali;

9. Jiddispjaċih għalhekk li r-rapporti annwali mħejjija mill-Kummissjoni huma kemxejn superfiċjali, u ħafna drabi ma jidħlux f’kunsiderazzjoni aktar dettaljata ta’ kif is-sussidjarjetà u, b’mod partikolari, il-proporzjonalità huma osservati fit-tfassil tal-politika tal-UE;

10. Jinnota l-metodoloġija tal-Kummissjoni fir-rapporti Annwali tal-2012 u l-2013, li fihom tintuża statistika biex jiġu kklassifikati l-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali dwar pakkett ta’ proposti bħala opinjoni motivata waħda biss, aktar milli opinjoni motivata dwar kull waħda mill-proposti individwali;

11. Jinnota li, meta meħud f’daqqa, il-proporzjon ta’ opinjonijiet motivati żdied b’mod sinifikanti bħala persentaġġ tas-sottomissjonijiet totali meta mqabbla mal-2010 u l-2011 u li fl-2012 l-opinjonijiet motivati rrappreżentaw 25 % tas-sottomissjonijiet kollha, filwaqt li fl-2013 kienu jgħoddu t-30 % tas-sottomissjonijiet mill-parlamenti nazzjonali taħt il-proċess tal-Protokoll 2; jinnota f’dan ir-rigward il-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv;

12. Jindika li s-sena 2012 rat l-ewwel użu tal-hekk imsejħa proċedura tal-karta s-safra mill-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'reazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (Monti II); jinnota li minkejja li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-prinċipju ta’ sussidjarjetà ma kienx inkiser hija fil-fatt irtirat il-proposta minħabba nuqqas ta' appoġġ politiku; jirrimarka li t-tieni hekk imsejħa karta s-safra ġiet attivata fl-2013 mal-proposta mill-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jinnota li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-proposta kienet konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u ddeċidiet li żżommha.

13. Jinnota li l-opinjonijiet motivati mogħtija mill-parlamenti nazzjonali jiġbdu l-attenzjoni lejn l-eżistenza ta' diversi interpretazzjonijiet tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà u tal-prinċipju ta’ proporzjonalità; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif iffurmulat fit-Trattati, jippermetti lill-Unjoni taġixxi f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha biss "jekk u sa fejn, l-objettivi tal-azzjoni prevista ma

jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni"; ifakkar li "skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi tat-Trattati"; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jkunu fidili lejn l-ittra tat-TUE meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u mal-prinċipju ta' proporzjonalità; jirrakkomanda bil-qawwa li l-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej jimpenjaw ruħhom fi skambji ta' fehmiet u prattiki f'dak li jirrigwarda l-iskrutinju tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità;

14. Jinnota li l-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali jvarjaw konsiderevolment fir-rigward tat-tipi ta' argumenti mqajma u l-forma tagħhom; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' xejriet komuni li jagħmilha aktar diffiċli li wieħed jivvaluta fuq liema bażi l-parlamenti nazzjonali jintervjenu;

15. Ifakkar fit-tħassib imqajjem f'rapporti preċedenti tal-Parlament rigward każijiet fejn is-sussidjarjetà ma kenitx ġiet indirizzata b'mod adegwat f'valutazzjonijiet tal-impatt (VI) imħejjija mill-Kummissjoni; ifakkar ukoll li r-Rapporti Annwali tal-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt (BVI) qajmu din il-kwistjoni; jinnota li l-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt qies li aktar minn 30 % tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt rieżaminati minnhom fl-2012 u l-2013 kienu jinkludu analiżi insodisfaċenti tal-prinċipju ta' sussidjarjetà; jesprimi tħassib dwar il-fatt li dan il-għadd żdied għal 50 % fl-2014, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fir-reviżjoni tagħha tal-linji gwida li japplikaw għall-valutazzjonijiet tal-impatt tindirizza din il-kwistjoni u taqleb din it-tendenza;

16. Jinnota l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt bħala għajnuniet fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċess leġiżlattiv u jenfasizza l-ħtieġa, f'dan ir-rigward, li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

17. Jenfasizza li valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa li jivvalutaw bir-reqqa r-rispett tas-sussidjarjetà huma essenzjali biex tittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini, li ta' spiss jikkunsidraw il-prinċipju ta' sussidjarjetà bħala aspett ewlieni tal-proċess demokratiku; jenfasizza, għalhekk, li verifiki msaħħa tas-sussidjarjetà jistgħu jitqiesu bħala għodda importanti biex jitnaqqas l-hekk imsejjaħ "defiċit demokratiku";

18. Itenni t-talba li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-14 ta' Settembru 2011 għall-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt nazzjonali bħala komplement għal dawk imwettqa mill-Kummissjoni – li r-riforma tagħhom qiegħda tiġi diskussa – b'appoġġ tal-leġiżlazzjoni proposta; jemmen li l-unitajiet tal-valutazzjoni tal-impatt maħluqin mill-Parlament dan l-aħħar se jikkumplementaw il-ħidma tal-Kummissjoni b'mod pożittiv;

19. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar ir-rispons tal-Kummissjoni lill-parlamenti nazzjonali f'każijiet fejn kienu nħarġu karti sofor; jemmen li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tirrispondi b'mod komprensiv għal kwalunkwe tħassib li jitqajjem mill-parlamenti nazzjonali, u fuq bażi individwali bħala parti minn djalogu flimkien ma' kwalunkwe opinjoni ppubblikata; iqis li huwa wkoll meħtieġ li l-Kummissjoni tidher quddiem il-kumitat jew kumitati rilevanti tal-Parlament biex tispjega l-pożizzjoni tagħha fid-dettall;

20. Jenfasizza li l-proċedura tal-karta s-safra, li hija strument biex jiġi influwenzat it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, tista' tissaħħaħ b'mod effikaċi permezz ta' skambju ta' informazzjoni minn qabel dwar il-pożizzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali u għalhekk iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jagħmlu skambju ta' fehmiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-metodi ta' valutazzjoni applikati bil-għan li tiġi vvalutata l-konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta’ proporzjonalità;

21. Jemmen li d-djalogu politiku kulma jmur qed isir aktar importanti fl-iżgurar li s-sussidjarjetà tiġi rrispettata; iqis li d-djalogu politiku għandu jittejjeb mhux biss f’każijiet ta’ karta safra jew oranġjo, iżda bħala regola ġenerali; jilqa’ f’dan ir-rigward l-impenn tal-Kummissjoni Juncker li tidher quddiem aktar parlamenti nazzjonali, u jitlob lill-Parlament jikkunsidra li jidħol għal inizjattivi simili; jemmen li r-rapporteurs jistgħu jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom aktar spiss mal-parlamenti nazzjonali, b’mod partikolari peress li l-mezzi ta’ vidjokonferenzar u metodi oħra ta’ involviment onlajn qed isiru aktar faċli u aktar effikaċi;

22. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet Ewropej u l-parlamenti nazzjonali għandhom ikomplu jaħdmu biex jippromwovu “kultura ta' sussidjarjetà” madwar l-UE kollha; jirrakkomanda żewġ inizjattivi partikolari li ser jgħinu kunsiderazzjoni aħjar tas-sussidjarjetà fil-proċess leġiżlattiv fil-preżent, jiġifieri l-iffaċilitar ta' inklużjoni akbar tal-pożizzjonijiet, perspettivi jew suġġerimenti oħra magħmula mill-parlamenti nazzjonali fid-djalogu politiku, b’mod partikolari hu u għaddej xogħol ta’ tħejjija bħalma huma l-Green Papers jew il-White Papers prodotti mill-Kummissjoni, u l-kunsiderazzjoni ta’ jekk għandux jiġi estiż il-perjodu ta’ żmien għall-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-verifika tas-sussidjarjetà jekk il-parlamenti nazzjonali jitolbu dan għal raġunijiet ta’ limitazzjonijiet ta’ żmien abbażi ta’ raġunijiet oġġettivi ġustifikati, bħalma huma diżastri naturali u perjodi ta’ vaganzi, li għandu jsir qbil dwarha bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni; iqis li dan jista’ jintlaħaq permezz ta’ impenn politiku miftiehem mill-istituzzjonijiet u l-parlamenti nazzjonali fl-ewwel lok, mingħajr ma jinħoloq dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

23. Iqis li huwa importanti li l-proċedura tal-karta s-safra tkun tista’tiġi implimentata faċilment għall-parlamenti, filwaqt li jiġi affermat mill-ġdid il-prinċipju ta’ sussidjarjetà skont it-Trattati;

24. Jinnota li għadd ta’ parlamenti nazzjonali fil-COSAC esprimew l-interess tagħhom fil-proponiment tal-introduzzjoni ta’ karta ħadra bħala strument għat-titjib tad-djalogu politiku, li jkun jagħti lill-parlamenti nazzjonali, wara li l-ewwel ikunu żguraw l-appoġġ mingħand il-Parlament, l-opportunità li jagħmlu proposti kostruttivi biex jiġu eżaminati mill-Kummissjoni u bir-rispett dovut għad-dritt ta’ inizjattiva tal-Kummissjoni;

25. Jinnota li l-proposti leġiżlattivi jistgħu jinbidlu b’mod drammatiku fil-proċess li jwassal għall-adozzjoni mill-istituzzjonijiet; ifakkar li verifika fuq ir-rispett tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà ssir biss fil-bidu u mhux fil-konklużjoni tal-proċess leġiżlattiv; ifakkar barra minn hekk li l-valutazzjonijiet tal-impatt b’mod aktar ġenerali jiġu mħejjija biss għall-istadji tal-bidu aktar milli għall-istadji finali tal-proċess leġiżlattiv; jenfasizza l-ħtieġa ta’ valutazzjoni ta’ nofs it-term wara l-ftuħ tal-proċedura ta’ adozzjoni, u fl-aħħar tal-proċess leġislattiv, li tagħmilha possibbli, f’ċerti każijiet, li tinħareġ twissija lill-Istati

Membri li jonqsu milli jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

26. Jitlob għalhekk li ssir verifika ulterjuri tas-sussidjarjetà u valutazzjoni kompluta tal-impatt fil-konklużjoni tan-negozjati leġiżlattivi u qabel ma ssir l-adozzjoni ta' test finali, bil-għan li jkun jista' jiġi ggarantit ir-rispett tas-sussidjarjetà u jkunu jistgħu jsiru valutazzjonijiet li jkunu jinkludu l-proporzjonalità; jemmen li perjodu ta' "preklużjoni" bħal dan ikun jgħin lil dawk li jfasslu l-politiki jivvalutaw jekk il-leġiżlazzjoni tkunx tirrispetta l-prinċipji tal-Unjoni, u jkun iżid it-trasparenza dwar ir-riżultati ta' perjodi ta' dawk li huma ħafna drabi negozjati intensivi mhux ħażin;

27. Jieħu nota tal-għanijiet ta' politika tal-Kummissjoni l-ġdida relatati ma' inizjattivi u proposti għal leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri: spejjeż minimi; benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji u l-ħaddiema; u l-evitar ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa;

28. Iqis li l-programmi taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għandhom jivvalutaw u jagħtu prova tar-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà f'dak li hu valur miżjud li jista' jintwera fi ħdan l-Istati Membri benefiċjarji;

29. Jitlob lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, tissimplifika l-proċedura biex issir l-applikazzjoni għall-fondi tal-UE, bil-għan li tagħmel il-proċedura ta' applikazzjoni aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati;

30. Jiissottolinja l-impenn tiegħu li jiżgura r-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prinċipju ta' proporzjonalità permezz tal-valutazzjonijiet tar-rapporti fuq inizjattiva proprja leġiżlattivi tiegħu stess, stimi ex-ante tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni kostanti tal-valur miżjud potenzjali tal-UE u l-"kost tan-non-Ewropa" (Cost of Non-Europe);

31. Jenfasizza l-ħtieġa li, fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tiġi ċċarata d-diviżjoni tal-kompetenzi meta l-politiki kummerċjali jkollhom impatt fuq investimenti li ma jkunux investimenti diretti barranin, jiġifieri l-investimenti ta' portafoll, peress li għad hemm kontroversji fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles attwali; jinnota b'mod partikolari d-diskussjonijiet reċenti dwar is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati (ISDS) u l-proposti tal-Kummissjoni mmirati lejn l-aġġornament u r-riforma tal-mudell attwali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom ukoll jassumu r-responsabbiltà għall-parti tagħhom f'dan il-proċess, meta wieħed iqis l-impenn eżistenti tagħhom permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi; jappella sabiex il-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rispettat meta jkunu qed jiġu nnegozjati u applikati l-klawsoli ta' salvagwardja bilaterali; ifakkar li l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jikkwalifika l-politika kummerċjali komuni bħala qasam integrali ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni li għandu jkun ibbażat fuq prinċipji uniformi; jinnota, għaldaqstant, li l-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax għall-politika kummerċjali komuni;

32. Jappella għal kjarifika dwar jekk l-istrumenti tal-kummerċ, bħall-ISDS, jistgħux jipperikolaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-rigward tal-kompetenzi tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżblokkaw il-Konvenzjoni tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza fl-Arbitraġġ bejn l-Investituri u l-Istati Bbażat fuq it-Trattati sabiex il-Kummissjoni tiffirma l-konvenzjoni f'isem l-Unjoni kollha; jiddeplora l-qagħda attwali

fejn uħud mill-Istati Membri huma firmatarji tal-konvenzjoni u oħrajn le; iqis li dan l-eżempju juri biċ-ċar il-ħtieġa li jkun hemm ċarezza min-naħat kollha rigward l-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-investiment dirett barrani; ifakkar li politiki differenti implimentati mill-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tal-investiment wasslu għall-qagħda attwali fejn l-Istati Membri huma firmatarji ta' xi 1 400 trattat ta' investiment bilaterali li, kultant, jinkludu dispożizzjonijiet differenti, fattur li jaf iwassal għal distorsjonijiet fis-suq uniku u għal trattament mhux indaqs tal-investituri tal-UE barra mill-Unjoni;

33. Jappella li, fir-rigward tal-assistenza finanzjarja tal-UE lil pajjiżi oħra, jiġifieri l-assistenza makrofinanzjarja, isiru valutazzjonijiet tal-impatt ex ante u ex post aktar fil-fond dwar il-proporzjonalità tal-miżuri proposti bil-għan li l-assistenza tkun effiċjenti u verament ta' għajnuna għall-pajjiżi sħabna li jinsabu fil-bżonn; jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita kondizzjonalità akbar għall-iżborż tal-assistenza u kontroll xieraq tal-użu tal-fondi, inklużi miżuri li jirrigwardaw il-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni u l-ġlieda kontrihom, kif ukoll skrutinju dettaljat mill-Parlament; jappella għal integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-istrumenti esterni tal-UE, b'mod li l-kummerċ, l-iżvilupp u l-politika estera u ta' sigurtà jiġu kkumbinati flimkien; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtiġilhom juru aktar impenn f'dan ir-rigward;

34. Jirrimarka li huwa tal-ogħla importanza li jkun hemm konsultazzjoni, djalogu u involviment kif imiss taċ-ċittadini, tan-negozji (jiġifieri l-SMEs) u tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE għall-politika kummerċjali.

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

17.6.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (2014/2252(INI))

Rapporteur għal opinjoni: David Borrelli

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-importanza tal-politika kummerċjali komuni, li l-iskala tagħha tista' tvarja skont ir-rieda tal-UE sabiex din tikseb l-aktar impatt għoli waqt in-negozjati, kif ukoll l-importanza tar-relazzjonijiet ekonomiċi tal-UE ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE; huwa, għalhekk, tal-fehma li l-prinċipju tal-proporzjonalità u, fejn applikabbli, tas-sussidjarjetà għandu jiġi rispettat kif xieraq f'dawn l-oqsma ta' politika wkoll, speċjalment meta jiġi ddeterminat li ftehimiet kummerċjali jkunu ta' natura mħallta; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tikseb ċarezza rigward il-kwistjoni tan-natura mħallta tal-ftehimiet kummerċjali billi rreferiet il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Singapor lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE); jittama li l-opinjoni tal-QtĠ-UE se tkun mezz ta' kif nimxu lejn aktar ċarezza rigward liema karatteristiċi tan-negozjati kummerċjali tal-UE jolqtu r-responsabbiltà tal-Istati Membri; jenfasizza li ċ-ċarezza għandha tibni l-pedament sabiex l-UE jkollha pożizzjoni aktar effikaċi fin-negozjati tagħha u sabiex il-proċedura ta' ratifika għall-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi ssir b'rata aktar mgħaġġla; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza fundamentali tat-trasparenza waqt li jkunu qed isiru n-negozjati;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li, fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tiġi ċċarata d-diviżjoni tal-kompetenzi meta l-politiki kummerċjali jkollhom impatt fuq investimenti li ma jkunux investimenti diretti barranin, speċjalment investimenti ta' portafoll, peress li għad hemm kontroversji fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles attwali; jinnota b'mod partikolari d-diskussjonijiet reċenti dwar is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati (ISDS) u l-proposti tal-Kummissjoni mmirati lejn l-aġġornament u r-riforma tal-mudell attwali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom ukoll jassumu r-responsabbiltà

għall-kontribut tagħhom f'dan il-proċess, meta wieħed iqis l-impenn eżistenti tagħhom permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi; jappella sabiex il-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi rispettat meta jkunu qed jiġu nnegozjati u applikati l-klawsoli ta' salvagwardja bilaterali; ifakkar li l-Artikolu 3 tat-TFUE jikkwalifika l-politika kummerċjali komuni bħala qasam integrali ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni li għandu jkun ibbażat fuq prinċipji uniformi; jinnota, għaldaqstant, li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għall-politika kummerċjali komuni;

3. Jappella għal kjarifika dwar jekk l-istrumenti tal-kummerċ, bħall-ISDS, jistgħux jipperikolaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-rigward tal-kompetenzi tal-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżblokkaw il-Konvenzjoni tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza fl-Arbitraġġ bejn l-Investituri u l-Istati Bbażat fuq it-Trattati sabiex il-Kummissjoni tiffirma l-konvenzjoni f'isem l-Unjoni kollha; jiddeplora l-qagħda attwali fejn uħud mill-Istati Membri huma firmatarji tal-konvenzjoni u oħrajn le; iqis li dan l-eżempju juri biċ-ċar il-ħtieġa li jkun hemm ċarezza min-naħat kollha rigward l-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-investiment dirett barrani; ifakkar li politiki differenti implimentati mill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-investiment wasslu għall-qagħda attwali fejn l-Istati Membri huma firmatarji ta' xi 1 400 trattat ta' investiment bilaterali li kultant jinkludu dispożizzjonijiet diverġenti, fattur li jaf iwassal għal distorsjonijiet fis-suq uniku u għal trattament mhux indaqs tal-investituri tal-UE barra mill-Unjoni;

4. Jappella, fir-rigward tal-assistenza finanzjarja tal-UE lil pajjiżi oħra, b'mod speċjali l-assistenza makrofinanzjarja, biex isiru valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* aktar fil-fond dwar il-proporzjonalità tal-miżuri proposti bil-għan li l-assistenza tkun effiċjenti u verament utli għall-pajjiżi sħabna li jinsabu fil-bżonn; jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti aktar kondizzjonalità għall-iżborż tal-assistenza u kontroll xieraq tal-użu tal-fondi, inklużi miżuri maħsuba biex il-frodi u l-korruzzjoni jiġu evitati u miġġielda kif ukoll skrutinju dettaljat mill-Parlament; jappella għal integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-istrumenti esterni tal-UE, b'mod li l-kummerċ, l-iżvilupp u l-politika estera u ta' sigurtà jiġu kkumbinati flimkien; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtiġilhom juru aktar impenn f'dan ir-rigward;

5. Jinnota li l-ftehimiet ta' kummerċ preferenzjali eżistenti wrew li dawn jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ekonomija Ewropea u jwasslu għal tkabbir u impjiegi; jenfasizza li l-effetti tal-ftehimiet kummerċjali jiddependu mill-eżitu tan-negozjati u li, għaldaqstant, il-projezzjonijiet tal-impatt dejjem ikunu bbażati fuq ċerti suppożizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibbiltà qabel it-tnedija ta' negozjati ta' ftehimiet kummerċjali f'eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-impatt *ex ante* usa' sabiex tivvaluta l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali fuq iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiżvolġu wkoll rwol ewlieni fil-valutazzjoni tal-benefiċċji u l-implikazzjonijiet potenzjali tal-ftehimiet kummerċjali preferenzjali għall-ekonomija tagħhom stess;

6. Jirrimarka li huwa tal-ogħla importanza li jkun hemm konsultazzjoni, djalogu u involviment kif imiss taċ-ċittadini, tan-negozji (b'mod partikolari l-SMEs) u tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE għall-politika kummerċjali.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 3<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | William (The Earl of) Dartmouth, Maria Arena, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Eleonora Forenza, Yannick Jadot, Ska Keller, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, Marine Le Pen, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Artis Pabriks, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Viviane Reding, Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler, Jan Zahradil |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Eric Andrieu, Dita Charanzová, Frédérique Ries, Fernando Ruas, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mercedes Bresso, Rosa D'Amato, Kaja Kallas, Afzal Khan, Marc Tarabella |

7.5.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (2014/2252(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Patricija Šulin

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 tiegħu jistabbilixxu regoli dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

B. billi dawn il-prinċipji huma għodod importanti biex jitfasslu politiki għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE u għalhekk huma wkoll strumenti għall-valutazzjoni tal-impatt finanzjarju tal-leġiżlazzjoni;

1. Jilqa' t-tnedija mill-Kummissjoni ta' konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjoni tal-impatt u fuq linji gwida dwar il-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati[1], wara t-talba tal-Parlament għal titjib tal-komunikazzjoni mas-soċjetà ċivili li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar tfassil aħjar tal-leġiżlazzjoni, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni intelliġenti[2];

2. Jieħu nota tal-għanijiet ta' politika tal-Kummissjoni l-ġdida relatati ma' inizjattivi u proposti għal leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari: spejjeż minimi; benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji u l-ħaddiema; u l-evitar ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa;

3. Jiġbed l-attenzjoni li l-valutazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità hija parti integrali mit-tfassil ta' politika tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi valutazzjoni xierqa tal-valur miżjud tal-UE u l-utilità u l-ħtieġa tal-azzjoni tal-UE;

1 http://ec.europa.eu/budget/explained/management/managt_who/who_en.cfm

2 ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 87; http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/planned_ia/consultation_2014/index_en.htm

4. Jinnota li valutazzjoni sħiħa tar-riżultati tal-politiki preferuti mill-Kummissjoni se jintużaw fil-preparazzjoni tal-baġit tal-UE mill-awtoritajiet baġitarji;

5. Iqis li l-programmi tal-qafas finanzjarju pluriennali għandhom jivvalutaw u jagħtu prova tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà f'termini ta' valur miżjud li jista' jintwera fi ħdan l-Istati Membri benefiċjarji;

6. Jinsab imħasseb li l-fondi baġitarji tal-UE f'xi każijiet jintefqu fuq proġetti li ma jiksbux riżultati effettivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tikkunsidra li tintroduċi valutazzjonijiet *in loco* għal proġetti li jkollhom impatt finanzjarju lokali kbir;

7. Itenni t-talba li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt nazzjonali bħala komplement għal dawk imwettqa mill-Kummissjoni – li r-riforma tagħhom qiegħda tiġi diskussa – b'appoġġ tal-leġiżlazzjoni proposta; jemmen li l-unitajiet tal-valutazzjoni tal-impatt maħluqin mill-Parlament dan l-aħħar se jikkumplementaw il-ħidma tal-Kummissjoni b'mod pożittiv;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tissuġġerixxi lill-Qorti tal-Awdituri l-inklużjoni fir-Rapporti Speċjali tagħha dwar il-ġestjoni kondiviża, fejn ikun xieraq, ta' kontroll tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fuq l-istrumenti tal-UE;

9. Jitlob lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, tissimplifika l-proċedura ta' applikazzjoni għall-fondi tal-UE bl-għan li tagħmel il-proċedura ta' applikazzjoni aktar effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati;

10. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar ir-responsabilità tal-Parlament għal skrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u li jżomm lill-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni tagħha; jinnota li l-iskrutinju parlamentari għandu dimensjoni ta' spejjeż, u li għandu jiffoka fuq kif jiġu rimedjati l-irregolaritajiet imwettqa u jiġu evitati l-iżbalji;

11. Jistenna li l-Kummissjoni tiżviluppa sinerġiji bejn il-baġits tal-UE, il-baġits nazzjonali u l-baġits sottonazzjonali u tressaqhom għall-valutazzjoni skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 5.5.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Zigmantas Balčytis, Dennis de Jong, Martina Dlabajová, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Bernd Kölmel, Verónica Lope Fontagné, Fulvio Martusciello, Georgi Pirinski, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Igor Šoltes, Bart Staes, Marco Valli, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Monika Hohlmeier, Karin Kadenbach, Julia Pitera, Patricija Šulin |

29.5.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar Rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità
(2014/2252(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Helga Stevens

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-fehma li l-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali fil-biċċa l-kbira tagħhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u li l-UE għandha l-mandat tiegħu miżuri biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri, billi tiddefinixxi linji gwida u b'mod partikolari permezz ta' dokumenti normattivi għas-suq tax-xogħol; għaldaqstant jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw id-diskussjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fil-qasam ta' din il-politika;

2. Jilqa' l-parteċipazzjoni aktar mill-qrib u l-involviment aktar b'saħħtu tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew fis-snin reċenti, li rriżultaw f'żieda tas-sensibilizzazzjoni tal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE, inklużi l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fil-kuntest interistituzzjonali; jinnota, madankollu, li għad jeħtieġ issir aktar ħidma f'dan il-kuntest; jissuġġerixxi li bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni timpenja ruħha f'dibattitu annwali mal-parlamenti nazzjonali kollha sabiex issaħħaħ id-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali;

3. Ifakkar li skont l-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Maastricht, l-Unjoni Ewropea għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri;

4. Jissottolinja li l-formulazzjoni kollha tal-politika għandha tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tiżgura valur miżjud Ewropew tanġibbli; jenfasizza li l-każijiet ta' sussidjarjetà u proporzjonalità jridu jkunu argumentati sew u ma għandhomx jintużaw biex ixekklu d-djalogu soċjali tal-UE; jenfasizza li f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett

tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa importanti li jiġi kkunsidrat ir-rwol tas-sħab soċjali u li tiġi żgurata l-awtonomija tagħhom skont id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-Istati Membri; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jista' jwassal għal konsegwenzi mhux intiżi bħal fiduċja mdgħajfa min-naħa taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea, u li tali ksur għandu għaldaqstant jiġi evitat;

5. Jinnota l-importanza tal-parlamenti u tal-impatt territorjali u l-qrubija maċ-ċittadini, u jitlob, fejn xieraq, għal aktar involviment min-naħa tagħhom fis-sistema ta' twissija bikrija;

6. Jinkoraġġixxi lill-parlamenti nazzjonali joħorġu opinjonijiet motivati mhux biss dwar id-dokumenti leġiżlattivi tal-Kummissjoni iżda anke dwar dawk li mhumiex leġiżlattivi li jippreċedu l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE, biex jiġu influwenzati b'mod aktar effikaċi l-inizjattivi u l-leġiżlazzjoni futuri tal-UE;

7. Ifakkar li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-UE se tieħu azzjoni barra l-oqsma ta' kompetenza esklussiva tagħha biss u sakemm l-objettivi ta' miżura ppjanata jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni aktar milli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali; jenfasizza li s-sussidjarjetà tista', għaldaqstant, twassal kemm għal estensjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħha meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan, kif ukoll kuntrarjament, sabiex l-azzjoni kkonċernata tiġi ristretta jew imnaqqsa f'każijiet fejn ma għadhiex iġġustifikata; jenfasizza li s-sussidjarjetà f'dan il-kuntest, mhux biss tapplika għar-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha iżda tinkludi wkoll il-livelli reġjonali u lokali;

8. Jirrimarka li l-2012 rat l-ewwel parlamenti nazzjonali juru l-ewwel "karta safra" fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, b'reazzjoni għall-proposta għal regolament dwar l-eżerċitar tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi; jinnota, madankollu, li skont il-Kummissjoni, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma nkisirx;

9. Jemmen li l-irtirar eventwali ta' din il-proposta mill-Kummissjoni minħabba oppożizzjoni politika u, skont il-Kummissjoni, mhux minħabba xi ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandu jinkoraġġixxi l-partijiet varji involuti biex jimpenjaw ruħhom f'dibattitu interistituzzjonali ġdid immirat aħjar biex iwassal għall-kunsens dwar dawn l-aspetti transnazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali kif ukoll kunsiderazzjoni akbar tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni minn qabel dwar l-għażla tagħha ta' bażi ġuridika għall-atti leġiżlattivi, peress li din tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali;

11. Jieħu nota tal-fatt li fl-2013, il-parlamenti nazzjonali, għat-tieni darba, eżerċitaw id-dritt għall-proċedura tal-"karta s-safra" fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll sussidjarju, li juri l-interess, ir-rwol u l-valur miżjud dejjem jiżdiedu tal-parlamenti nazzjonali fl-iżvilupp tad-dritt tal-UE;

12. Jenfasizza li l-proċedura tal-"karta s-safra", li hija strument biex jiġi influwenzat it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, tista' tissaħħaħ b'mod effikaċi permezz ta' skambju ta'

informazzjoni minn qabel dwar il-pożizzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali, għalhekk iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jagħmlu skambju ta' fehmiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-metodi ta' evalwazzjoni użati biex tiġi vvalutata l-konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

13. Huwa tal-fehma li t-tifsira tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità mhijiex ċara u għalhekk il-parlamenti nazzjonali jinterpretawha b'diversi modi u dan jikkawża diffikultajiet biex jintlaħqu ftehimiet u tinkiseb konformità mad-deċiżjonijiet tagħhom; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni stabbiliet kriterji komuni biex tivvaluta l-konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; jinkoraġġixxi wkoll lill-parlamenti nazzjonali u istituzzjonijiet oħrajn jużaw dawk il-kriterji sabiex jiżdiedu l-valutazzjoni tal-kompatibilità u l-koordinazzjoni u l-effikaċja tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà;

14. Jinnota li l-parlamenti nazzjonali kienu viċin it-twaqqif tal-"karta s-safra" fil-kuntest tal-proposta għal Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jemmen li f'każijiet fejn il-proċedura tal-"karta s-safra" hija appoġġjata minn għadd ta' parlamenti nazzjonali, il-komunikazzjoni ta' segwitu tal-Kummissjoni għandha tindirizza l-oġġezzjonijiet kollha ta' dawk il-parlamenti;

15. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-leġiżlazzjoni jista' jkollha impatt differenti fuq l-intrapriżi l-kbar u l-SMEs, u jemmen li dan għandu jiġi kkunsidrat waqt il-proċess ta' abbozzar; iqis li l-prinċipju "l-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" mhuwiex intiż li jeżenta lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza, iżda jista', minflok, ikun element ewlieni fil-proċess tal-politika u jista' jilgħab rwol importanti fl-istimular tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir billi jnaqqas l-ispejjeż u l-burokrazija għan-negozji u jiffoka fuq regolamentazzjoni intelliġenti li tista' tiġi implimentata b'tali mod li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-SMEs u l-mikrointrapriżi; jisħaq li l-impjegati kollha għandhom id-dritt għall-ogħla livell ta' ħarsien tas-saħħa u s-sikurezza irrispettivament mid-daqs tan-negozju, il-kuntratt sottostanti jew l-Istat Membru fejn qiegħed l-impjieg;

16. Jinnota l-enfasi dejjem tiżdied li qed tagħmel il-Kummissjoni fuq iċ-ċikli tal-politika u fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt; jistieden lill-kumitat responsabbli biex sistematikament jeżamina l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt ex ante tal-Parlament kemm jista' jkun malajr fil-proċess leġiżlattiv, filwaqt li dejjem jivvaluta l-konformità maż-żewġ prinċipji; jemmen li, min-naħa, il-valutazzjonijiet tal-impatt ma jistgħux jissostitwixxu l-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet politiċi, u li, min-naħa l-oħra, kull proposta tal-Kummissjoni għandu jkollha valur miżjud Ewropew tanġibbli; jitlob, għaldaqstant, għal approċċ aktar olistiku għall-valutazzjonijiet tal-impatt, li fejn applikabbli jkopri wkoll il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' intervent leġiżlattiv.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.5.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 5<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Brando Benifei, David Casa, Ole Christensen, Agnes Jongerius, Jan Keller, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Zdzisław Krasnodębski, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Edouard Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Yana Toom, Ulrike Trebesius, Marita Ulvskog, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Amjad Bashir, Heinz K. Becker, Lynn Boylan, Mercedes Bresso, Deirdre Clune, Eduard Kukan, Evelyn Regner, Csaba Sógor |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Andor Deli, Norica Nicolai, Urmas Paet, Pavel Telička, Marco Zanni |

7.5.2015

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar ir-rapporti annwali 2012-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità
(2014/2252(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kazimierz Michał Ujazdowski

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni tivverifika ex ante jekk il-proposti tagħha humiex meħtieġa u jekk l-objettivi tal-azzjoni proposta jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u li hi tiġġustifika l-azzjoni tagħha fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità; jenfasizza b'qawwa l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn iż-żewġ prinċipji fit-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi; jenfasizza wkoll li l-iżgurar tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għandhom ikun prijorità għall-Kummissjoni anke meta din tivvaluta politiki eżistenti tal-UE;

2. Ifakkar li s-sussidjarjetà hija wkoll protetta permezz tal-fatt li l-ebda leġiżlazzjoni Ewropea ma tista' tiġi adottata mingħajr l-approvazzjoni ta' maġġoranza kbira ta' ministri nazzjonali (responsabbli quddiem parlamenti nazzjonali) fil-Kunsill;

3. Jinnota li fil-prattika, is-sussidjarjetà hi problema għal minoranza żgħira ta' proposti leġiżlazzjoni biss, kif muri mill-fatt li l-proċedura ta' karta oranġjo qatt ma ntużat, waqt li l-proċedura ta' karta safra ntużat darbtejn biss f'sitt snin; jemmen li l-parlamenti nazzjonali aktarx ikunu interessati fis-sostanza tal-proposti aktar milli fis-sussidjarjetà biss, u jinnota li ħafna parlamenti nazzjonali qed isaħħu l-proċeduri tagħhom biex jippermettulhom jinfluenzaw il-pożizzjoni adottata mill-Ministru fil-Kunsill;

4. Jinnota li l-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fit-Trattati, jippermetti lill-Unjoni, fl-oqsma li ma jaqgħux fil-kompetenza esklużiva tagħha, taġixxi biss "jekk u sa fejn, l-

objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni". jindika li s-sussidjarjetà, prinċipju legali newtrali relatat mal-kunċett ta' livell ta' azzjoni ottimu, jista' jservi, meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan, biex jestendi l-attivitajiet tal-Unjoni, mingħajr ma' jinqabżu l-poteri tagħha, jew, bil-kontra, biex jirrestringu jew iwaqqfu azzjoni tal-Injoni meta din ma tkunx għadha ġġustifikata;

5. Jenfasizza li l-użu tal-kompetenzi tal-Ujnjoni Ewropea għandu jkun iggwidat mill-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-TUE; jilqa' l-fatt li fl-2012 u l-2013 il-konformità ma' dawn iż-żewġ prinċipji kienet eżaminata bir-reqqa mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali;

6. Japprezza l-ħidma tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità ta' miżuri legali, u jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat AFCO f'dan il-livell tal-proċedura dwar iż-żewġ kwistjonijiet relatati;

7. Jitlob li l-parlamenti reġjonali u lokali jiġu kkonsultati fuq bażi regolari u mhux biss dwar kwistjonijiet ta' darba;

8. Jenfasizza t-tkabbir notevoli tal-informazzjoni skambjata mill-parlamenti nazzjonali permezz tas-sistema IPEX, u jinnota ż-żieda fin-numru ta' opinjonijiet motivati maħruġa mill-parlamenti nazzjonali (+ 9% fl-2012, + s25% fl-2013); jilqa' l-involviment aktar mill-qrib tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrutinju tal-proposti leġiżlattivi fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

9. Jenfasizza li fl-2012 kif ukoll fl-2013 il-parlamenti nazzjonali użaw il-proċedura ta' karta safra fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà; jikkunsidra għaldaqstant li l-parlamenti nazzjonali tejbu l-kapaċità tagħhom li jużaw il-prerogattivi li għandhom fil-mekkaniżmu tal-kontroll tas-sussidjarjetà; iħeġġeġ ħafna lill-parlamenti nazzjonali biex jiżvilupp aktar il-kooperazzjoni bejniethom biex jagħmlu użu sħiħ tar-rwol mogħti lilhom permezz tat-trattati eżistenti;

10. Huwa konxju li diversi parlamenti nazzjonali jixtiequ jinfluwenzaw is-sustanza tal-leġiżlazzjoni iktar milli sempliċiment jikkummentaw dwar il-ftit każijiet (relattivament) fejn is-sussidjarjetà jaf tkun problema; jilqa' l-kontributi sottomessi mill-Kummissjoni fl-ambitu tal-'inizjattiva Barroso'; iqis li l-aktar mod effettiv biex il-parlamenti nazzjonali jeżerċitaw tali influwenza hu li tissawwar il-pożizzjoni meħuda minn ministri tal-pajjiżi tagħhom qabel il-laqgħat tal-Kunsill u li l-perjodu ta' 8 ġimgħat jista' wkoll jintuża għal dan l-għan;

11. Jisħaq li l-istituzzjonijiet Ewropej jeħtieġ li jagħtu lok lill-parlamenti nazzjonali li jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi u li l-Kummissjoni għandha tipprovdi dikjarazzjonijiet dettaljati u komprensivi bir-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha rigward is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

12. Jiissottolinja l-impenn tiegħu li jiżgura l-konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta'

proporzjonalità permezz ta' valutazzjonijiet ta' rapporti fuq inizjattiva proprja leġiżlattivi tiegħu stess, stimi ex-ante tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni kostanti tal-valur miżjud potenzjali tal-UE u r-rapport 'Cost of Non-Europe";

13. Jinnota, madankollu, li l-maġġoranza ta' opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali jiġu sottomessi minn biss ftit kamra nazzjonali, u jinkoraġġixxi kmamar oħra biex isiru aktar involuti fid-dibattitu Ewropew;

14. Jemmen li l-perjodu ta' tmien ġimgħat mogħti lill-parlamenti nazzjonali biex joħorġu opinjoni motivata skont l- Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità għandu jiġi estiż b'mod sinifikanti biex il-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar; iqis li, sadanittant, il-perjodu konċess lill-parlamenti nazzjonali biex jippubblikaw opinjoni motivata għandu jitkejjel b'mod flessibbli; ifakkar li kwalunkwe modifika ta' din l-iskadenza timplika modifika fit-Trattati; jirrakkomanda, għaldaqstant, biex fi żmien debitu tittieħed azzjoni skont din ir-riflessjoni bil-għan li l-kwistjoni tal-involviment tal-parlamenti nazzjonali tkun tista' tiġi diskussa qabel il-modifika li jmiss tat-Trattati; jisħaq li, fid-dibattitu dwar l-estensjoni tal-perjodu attwali mogħti lill-parlamenti nazzjonali, tista' tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tar-rwol tal-parlamenti reġjonali, kif ukoll il-kwistjoni tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-parlamenti nazzjoanli; jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tesprimi fehmtha rigward il-kwistjoni tal-inizjattiva "tal-karta ħadra" tal-parlamenti nazzjonali;

15. Jemmen li, fid-dawl tal-esperjenza tagħhom, il-parlamenti nazzjonali jistgħ u jagħtu kontributi siewja lid-dibattiti u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet Ewropej; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali, għaldaqstant, biex jagħmlu użu sħiħ mill-kompetenzi li ngħataw mit-trattati eżistenti, fosthom billi jiżviluppaw ulterjorment il-kooperazzjoni bejniethom;

16. Jissuġġerixxi li waħda mill-miżuri ġodda li għandha titqies hija l-proċedura "tal-karta ħadra", li permezz tagħha l-parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jagħtu bidu għall-proċess leġiżlattiv Ewropew u b'hekk jagħtu sehem kostruttiv fit-tfassil tal-liġijiet Ewropej; huwa tal-opinjoni li din il-proċedura tista' tiġi stabbilita permezz ta' impenn volontarju min-naħa tal-Kummissjoni u li b'hekk ma tirrikjedix li jsiru emendi tat-Trattati;

17. Jindika li s-sena 2012 rat l-ewwel użu tal-proċedura tal-karta s-safra mill-parlamenti nazzjonali fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'reazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-eżerċitar tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà biex jiġu pprovduti s-servizzi (Monti II); jinnota li, minkejja li l-Kummissjoni kkonkludiet li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx inkiser, hija ritirat il-proposta minħabba nuqqas ta' appoġġ politiku; jirrimarka li t-tieni proċedura ta' karta safra nqalgħet fl-2013 dwar il-proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar  Wara din l-analiżi fil-fond, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u ddeċidiet li żżommha.

18. Jissottolinja l-impatt potenzjali enormi tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE li l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali, bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) u l-Ftehim Komprensiv Ekonomiku u Kummerċjali (CETA), jista' jkollhom fuq il-kapaċità tal-awtonomija reġjonali u lokali, inkluż fuq id-deċiżjonijiet fir-rigward ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità meta jkunu qed

jinnegozjaw ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali u jagħtu rendikont lill-Parlament dwar l-effetti potenzjali fuq is-sussidjarjetà;

19. Jinnota li l-opinjonijiet motivati mogħtija mill-parlamenti nazzjonali jiġbdu l-attenzjoni lejn l-eżistenza ta' diversi interpretazzjonijiet tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ifformulat fit-Trattati, jippermetti lill-Unjoni taġixxi f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha biss "jekk u sa fejn, l-objettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni prevista, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni"; ifakkar li "skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-objettivi tat-Trattati"; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali biex ikunu leali lejn l-ittra tat-TUE meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità; jirrakkomanda bil-qawwa li l-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej jimpenjaw ruħhom fi skambji ta' fehmiet u prattiki b'rabta mal-iskrutinju tal-applikazzjonijiet tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 5.5.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mercedes Bresso, Fabio Massimo Castaldo, Kostas Chrysogonos, Richard Corbett, Esteban González Pons, Danuta Maria Hübner, Ramón Jáuregui Atondo, Jo Leinen, Morten Messerschmidt, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Paulo Rangel, György Schöpflin, Pedro Silva Pereira, Barbara Spinelli, Claudia Tapardel, Josep-Maria Terricabras, Kazimierz Michał Ujazdowski |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Sylvie Goulard, David McAllister, Cristian Dan Preda, Viviane Reding |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.10.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 13<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Kostas Chrysogonos, Therese Comodini Cachia, Mady Delvaux, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Enrico Gasbarra, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Mary Honeyball, Sajjad Karim, Dietmar Köster, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Julia Reda, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefano Maullu |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrew Lewer |